Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali
Magistrat Dr. A. Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.
Awla 9

Il-Pulizija
(Spettur Pierre Micallef Grimaud)

vs

Lawrence Falzon

Illum 6 ta' Lulju, 2001

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat fuq imsemmi Lawrence Falzon, iben Joseph u Salvina nee' Grech, imwieled iz-Zejtun u ghandu karta tal-identita Nru 16760M, li permezz taghhom gie akkuzat talli fl-10 ta' Lulju 2000 ghall-habta tas-1.00a.m. gewwa San Giljan, ikkorrompa persuna ta' taht l-eta', tas-sess il-wiehed jew l-iehor, u cioe lil Imogen Jones, minorenni ta' 17 il-sena u dan bi ksur tal-Artikolu 203 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, offenda l-pudur jew il-morali b'ghemil li jsir f'lok pubbliku, jew f'lok espost ghall-

pubbliku, u dan bi ksur tal-Artikolu 209 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tal-20 ta' Novembru tas-sena 2000 li permezz taghha deherlu li tista tinsab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fl-Artikoli 203(1) u 209 tal-Kodici Kriminali;

Semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti;

Semghet lix-xhieda prodotti inkluz l-imputat fuq imsemmi minn jeddu u bil-gurament;

Rat il-provi li tressqu u d-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet it-trattazzjoni tal-prosekuzzjoni u tad-difiza;

Ikkunsidrat :

Illi fl-10 ta’ Lulju tas-sena 2000 il-pulizija kienet irceviet rapport minghand certa Imogen Jones, tfajla ta’ nazzjonalita Ingliza ta’ 17-il sena li kienet Malta bhala studenta fis-sens illi fis-sieghat kmieni ta’ filghodu hija kienet rikbet f’Taxi numru ta’ registrazzjoni ATY160 u kienet talbet lid-driver biex iwassalha hdejn il-Marina San Gorg Hotel, San Giljan. Imogen Jones qalet lill-pulizija illi waqt illi kienet fit-Taxi x-xuffier waqqaf il-karozza tieghu ghal xi hin u nizlilha s-seat taghha lura peress li kienet riekba fuq is-seat ta’ quddiem u waqt li ghamel hekk pogga idejh fuq kuxtejha u ipprova ibusha fuq xuftejha. Imogen Jones qalet illi ippruvat timbuttah ‘l hemm u hu staqsiha li ghall-favur li ser jaghmlilha biex iwassalha fil-lukanda b’xejn hu kien jippretendi xi haga minghandha. Hija qalet illi f’hin minnhom hassitha ma tiflahx u kienet anke irremettiet f’dan it-Taxi. Il-pulizija u precizament l-Ispettur Pierre Micallef Grimaud qal illi huwa ghamel l-investigazzjoni tieghu u sab illi sid dan it-taxi kien certu Lawrence Falzon, l-imputat fuq imsemmi. Il-Pulizija sejhet lil Falzon illi gie l-ghassa u, meta gie mistoqsi biex jaghti l-verzjoni tieghu, Falzon spjega illi verament kien waqaf biex itella tfajla, pero’ dan kien gara il-Gzira hdejn il-Paul & Rocco. Huwa kien

talabha tmien liri (LM8) biex iwassalha l-lukanda u cahad kategorikament li qatt ghamel idejh fuqha.  Falzon qal lill-pulizija li hu kien ha hsieb lil din it-tfajla u peress li kienet irremettiet fil-karozza kien ghinha u kien anke ipprova jaghmlilha mill-ahjar u qaghad jistenna fejn il-lukanda sa kemm din tidhol gewwa umbaghad tigi bil-flus sabiex thallsu.  Imogen Jones regghet giet mitkellma mill-pulizija, pero' baqghet tinsisti illi l-verzjoni taghha kienet dik korretta u mhux il-verzjoni li kien ta lill-pulizija l-imputat fuq imsemmi.

Illi Imogen Jones xehdet fil-Qorti bil-gurament u qalet illi fil-jum, hin u lok kif imsemmi fl-imputazzjoni, kienet harget mill-Havana Paceville, fejn kienet qeghda ma xi hbieb tiehu xi drinks.  Hija riedet tmur lura lejn il-lukanda, pero' peress li ma kienitx taf id-direzzjoni kien hemm taxi driver u staqsietu biex juriha minn fejn kellha tghaddi.  Skond Jones it-Taxi driver qalha biex tidhol fil-karozza, hi qaltlu li ma kellhiex flus u hu qalilha, "Kollox sew hallasni meta naslu l-lukanda".  Skond Jones it-taxi driver kellu zewg tfajliet fil-karozza.  Jones xehdet illi t-taxi driver wassal l-ewwel liz-zewg tfajliet, umbaghad baqa isuq biha.  Hin minnhom

hassitha hazin, harget rasha mit-tieqa u irrremettiet. Id-driver waqqaf il-karozza u hi harget mill-karozza. Skond Jones id-driver umbaghad nizzel is-seat ta' quddiem fejn hija kienet bil-qeghda u talabha biex timted fuq is-seat u hi qaltlu li ma rieditx. Dejjem skond Jones, id-driver tat-Taxi imbuttaha 'l isfel u beda innaddfilha wiccha b'xugaman, umbaghad beda ibusha fuq haddejha u fuq ghonqha. Hija qaltlu biex ihalliha, pero' huwa tela fuqha u qalilha li jekk tbusu ma kellhiex ghalfejn thallsu u hi qaltlu, "Le inhallsek, hudni lura l-lukanda". Pero' hu ma riedx u kien ghalhekk illi Jones harget mit-Taxi. Dejjem skond Jones hija bdiet timxi, pero' ma kienitx taf fejn kienet sejra. Umbaghad hin minnhom regghet rat lit-Taxi driver u qalilha, "Jekk ma tafx fejn inti sejra ahjar terga tidhol u niehdok sal-lukanda". U fil-fatt hija ghamlet hekk u d-driver wassalha lura l-lukanda. Dahal fil-lukanda u stenniha biex iggiblu l-flus. Jones gharfet lid-driver tat-Taxi bhala l-imputat fuq imsemmi. In kontro-ezami, Imogen Jones qalet illi ma tafx fejn kienet meta d-driver waqqaf lil dawn iz-zewg tfajliet illi hija kienet semmiet. Imogen Jones xehdet ukoll illi qabel ma kienet irremettiet l-imputat fuq imsemmi kien qieghed idejh fuq kuxtejha ghal darba, darbtejn u hija kienet qaltlu biex inehhi

jdejh. Jones ikkonfermat illi ta' dik ir-rikba t-taxi driver iccargjaha tmien liri (LM8) u xehdet ukoll illi wara illi halset lill-imputat huwa baqa fir-reception tal-lukanda u dana wara illi kienet halsitu. Hija qalet illi kienet qalet lil xi hadd fir-reception b'dak li kien gara u li dan ir-ragel kien cempel lill-pulizija li kienu gew fuq il-post. Imogen Jones xehdet illi meta telqet mill-Havana kienet qeghda thossha ma tiflahx u li l-istonku taghha kien qieghed jugaghha. Hija xehdet illi Paceville ma kienitx tafha u illi mill-Havana ma kienitx taf tmur lura lejn il-lukanda taghha il-Marina San Gorg f'San Giljan. Imogen Jones kompliet tixhed illi hija qabdet t-taxi minn taxi stand u kien hemm taxis ohrajn fid-dintorni.

Illi finalment ix-xhud qalet illi irrifjutat illi tara tabib peress illi l-imputat ma kienx weggaha fizikament.

Illi xehed l-imputat fuq imsemmi minn jeddu u bil-gurament. Huwa qal illi fil-gurnata u hin imsemmi fl-imputatazzjoni huwa kien xoghol bit-taxi u illi meta kien ghabba lil Imogen Jones dan kien l-ahhar trip tieghu. L-imputat xehed illi meta ghabba lil Imogen Jones hija kienet hdejn il-Paul & Rocco il-Gzira. Huwa induna illi hija ma kienitx mara tax-

xoghol, ra tibki u tghajjat u qaltlu, “Taxi, please help me”. Huwa kien qieghed isuq Mercedes Benz ta’ lewn bajda. L-imputat xehed illi t-tfajla waqfitu, fethilha l-bieba ta’ quddiem, pero’ riedet titla wara. Huwa xehed illi t-tfajla kienet qaltlu li ma kelliex flus fuqha u talbitu biex thallsu meta jehodha fil-lukanda u li kif wassalha hdejn il-lukanda imlietlu l-bibien tal-karozza tieghu bir-remettar, barra u gewwa, u ghalhekk huwa ipparkja l-karozza tieghu quddiem il-bieb tal-lukanda, talab ftit ilma lil tar-reception. Talabhom ukoll barmil u beda jahsel il-karozza mir-remettar. L-imputat kompla jixhed illi sa kemm hareg u beda jahsel il-bieba tal-karozza tieghu hareg xi hadd mil-lukanda, xi hadd inkarigat mit-tfajliet li maghhom kienet Imogen Jones, qabdu, habtu mal-bieba u qallu, “Inti x’ghamiltilha lit-tfajla tieghi?” Skond l-imputat hu qallu, “Jiena ma ghamiltilha xejn”. Umbaghad dan ir-ragel qallu, “Issa jiena ser incempel lill-pulizija ghaliex inti ippruvajt tmissha” u kien qallu biex ma jitlaqx minn fuq il-post. L-imputat xehed illi hu haseb illi kienu qed jaghmlulu hekk biex ma jhallsuhx u ghalhekk huwa baqa hemm hekk, baqa jahsel il-karozza u jistenna lit-tfajla biex tigi thallsu. L-imputat kompla jixhed illi effettivament gew il-pulizija fuq il-post u ghalhekk huwa

qalilhom li kien ser icempel lill-Avukat tieghu u l-Avukat tieghu kien tah parir biex jghid lill-pulizija biex jiehdu t-tfajla l-isptar u jaghmlulha t-testijiet necessarji. L-imputat xehed illi ma setghax ikun illi huwa ghabba lit-tfajla minn hdejn il-Havana peress illi huwa imkecci minn hemm hekk u ghandu ordni mill-pulizija biex ma jersaqx ‘l hemm hekk. Huwa cahad bil-qawwa kollha li ipprova imiss lil Imogen Jones jew li ipprova ibusha. Huwa xehed illi Imogen Jones kienet il-hin kollu fuq is-seat ta’ wara. Huwa hareg jifthilha il-bieba, pero’ kienet diga fethitha hi. Huwa xehed illi huwa fl-ebda hin ma kien waqqaf il-karozza jew b’xi mod ipprova imur fis-seat ta’ wara. Huwa kompla jixhed illi kien waqqaf il-karozza, ittawwal lura, ra ir-remettar mal-karozza u hareg biex jghin lit-tfajla biex ma taqax.

Ikkunsidrat :

Illi waqt is-seduta tal-5 ta’ April ta’ din is-sena l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Pierre Micallef Grimaud iddikjara illi huwa jaf personalment illi l-imputat fuq imsemmi qatt ma jersaq lejn Paceville mit-Taxi tieghu, imma jasal biss sal-ghassa ta’ San Giljan.

Illi fit-trattazzjoni tieghu l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Pierre Micallef Grimaud qal illi ghalih il-kaz kien wiehed dubjuz. Huwa qal ukoll illi Imogen Jones kienet tidher fis-sakra u illi l-hbieb taghha ma riedux jassistuha u ma riedux imorru maghha ghand il-pulizija.

Ikkunsidrat :

Illi ma hemmx dubbju illi fil-kaz odjern jezistu zewg verzjonijiet totalment konfligenti. Illi fil-kamp penali xhud wiehed biss, jekk emmnut, huwa sufficjenti sabiex tinstab responsabbilta kriminali. Fil-kaz odjern pero' Imogen Jones mhijiex xhud kredibbli. Hija hawdet fix-xhieda taghha u ammettiet illi fil-gurnata in kwistjoni hija kienet xorbot izzejjed, l-istonku kien qieghed jugaghha, kienet fi stat konfuz ferm, lanqas biss kienet taf fejn qeghda u ghalkemm il-lukanda kienet fil-vicin u dana kienet tafu hi stess, ma kellha l-ebda ideja kif mill-Havana kienet ser tmur il-lukanda li kienet biss xi tlett mitt metru 'il boghod.

Illi Imogen Jones xehdet illi kien hemm zewg tfajliet ohrajn fil-karozza maghha, pero' ma kienitx taf ta' liema nazzjonalita kienu u lanqas kienet taf fejn kien waqqafhom l-imputat fuq imsemmi. Imogen Jones ikkonfermat ukoll bil-gurament taghha illi hija kienet irremettiet u illi l-imputat kien hareg jghinha. Hija ammettiet ukoll illi meta waslet il-lukanda l-imputat baqa jistenniha u illi anke wara illi kien thallas huwa xorta wahda baqa fir-reception tal-lukanda.

Illi kemm l-imputat fuq imsemmi kif ukoll l-Ufficjal Prosekutur ikkonfermaw illi l-imputat fuq imsemmi qatt ma jersaq bit-taxi tieghu lejn il-Havana u dana peress illi ghandu ordnijiet mill-pulizija li ma jistax jersaq 'l hemm u l-Ispettur Pierre Micallef Grimaud xehed li jaf 'di scienza proprja' illi l-imputat qatt ma jersaq lejn il-Havana bit-Taxi tieghu. L-Ispettur Micallef Grimaud zied jghid lill-Qorti illi peress li huwa stazzjonat l-ghassa ta' San Giljan li kieku l-imputat kellu jersaq lejn it-Taxi stand li hemm fejn il-Havana f'Paceville, li kieku huwa zgur jigi infurmat mill-kollegi tieghu.

Illi l-imputat baqa konsistenti fil-verzjoni illi ta u qal illi lit-tfajla kien ghabbiha minn fejn il-Paul & Rocco il-Gzira u mhux minn fejn il-Havana, Paceville. Ghalhekk tezisti l-possibilta illi t-tfajla kienet telghet ma xi taxi driver iehor, grat xi haga, waqqfet il-Gzira u minn hemm hekk rikibha l-imputat fuq imsemmi li hadha l-lukanda.

Illi fattur iehor ta importanza huwa l-fatt illi l-imputat baqa jistenna fir-reception tal-lukanda anke wara illi Imogen Jones kienet hallsitu.

Illi mhuwiex verosimili illi xi hadd jabbuza minn tfajla u jibqa fil-lukanda anke wara li tkun hallsitu.

Illi anke meta hareg ragel u qal lill-imputat illi kien ser icempel lill-pulizija l-imputat baqa fuq il-post ghaliex haseb illi ma riedux ihallsuh u baqa hemm hekk jistenna illi jigu l-pulizija fuq il-post.

Illi dan kollu jindika illi l-imputat ma ikkomettiex ir-reati in kwistjoni.

Illi certament il-Prosekuzzjoni ma irnexxilhiex tipprova l-imputazzjonijiet odjerni sal-grad rikjest mil-Ligi.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq imsemmija l-Qorti waqt illi tiddikjara lill-imputat fuq imsemmi mhux hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu qeghda tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena.

(ft) Rita Saliba
Deputat Registratur